ġirja. Meta mar joqgħod Strada San Giorgio, il-proċessjonijiet kienu jgħaddu wkoll minn hemm, iżda ta' l-Irxoxt ma kienx jarha tgħaddi minn hemm, għax wara l-ewwel ġirja minn Strada Oratorio kien jitla' għal Strada Santa Margerita jieqaf ftit mumenti fil-pjazzetta quddiem il-kunvent tas-sorijiet tal-klawsura ta' Santa Margerita, u minn hemm jibqa nieżel għax-Xgħajra mnejn jieħu ġirja oħra ġirja oħra. Fl-imgħoddi dawn il-festi ta' l-Irxoxt, u oħrajn, kienu jsiru b'aktar ħerqa, u bosta jgħidulna kemm jieħdu gost jaqraw it-tifkiriet fl-Imnara.

----------oooooOOOOOooooo----------

## L - IMNARA

"L-Imnara" toħrog mill-Għaqda tal-Folklor darba fis-sena. Minħabba li l-fondi ta' l-Għaqda ma jkunux għoljin, u l-għadd ta' l-imseħbin qatt ma jkun kbir ħafna, ma strajniex nistampawha bil-proċessi ta' publikazzjonijiet oħrajn, iżda dejjem sar mezz li joħroġ medja ta numru kull sena. Xtaqna li kieku noħorġu L-Imnara darbtejn f'sena, iżda dan ma nistgħux nagħmluh mhux biss minħabba l-ispejjeż tal-materjal iżda wkoll li x-xogħol isir kollu mill-editur, li wara kollow għandu bosta impenji oħra u ma jkunx jista' jlaħħaq max-xogħol. Għal żmien kellna servizz ta' "duplicating" minn xi ħbieb, għalhekk iffrankajna aktar spejjeż, iżda dan l-aħħar qed ikollna nħallsu għal dax-xogħol u l-ispejjeż irduppjaw. Mill-ħarġa numru 14 tal-1990 bdejna nittajpjaw ix-xogħol fuq il-kompjuter biex ikun aktar preżentabbli, iżda ma kellniex il-faċilita' ta' ċerti karattri u aċċenti Maltin. Għal din il-ħarġa stajna naddattaw il-kitba bil-Malti għall-aħjar, u nisperaw li issa nkunu nistgħu nipproduċu L-Imnara aħjar. Madankollu ma nistgħux nevitaw li jkollna xi dewmien sakemm inlestuha, mhux biss minħabba li l-editur irid ilaħħaq ma' kollox, iżda wkoll għax mhux faċli insibu min jikteb; hemm bosta li joffru, iżda mhux kulħadd jasal biex jikteb malajr jew addattat.

L-editur jaċċetta kitbiet għall-L-Imnara, iżda jridu jkunu oriġinali, u bbażati fuq esperjenzi jew riċerki personali, u mhux ippublikati band' oħra (ħlief f'xi eċċezzjonijiet). Jekk jista' jkun il-kitbiet iridu jkunu konnessi mal-gżejjer tagħna.

Il-kitbiet għandhom jintbagħtu lill-Editur, 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema SLM 02.

L-Imnara tintbgħat lill-membri tal-Għaqda tal-Folklor li jkunu ħallsu Lira fis-sena għas-sħubija. Il-ħlas jista' jintbgħat f'bolli tal-4c jew 3c, ukoll lill-editur.

-------------------